

- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas lir-rikorrenti kumpens ta' EUR 1 014 400 evalwat mill-ġdid wara l-inflazzjoni sad-data tas-sentenza tal-Qorti Ġeneral li għandha tingħata rigward il-likwidazzjoni tad-dannu, flim-kien mal-interessi moratorji li għandhom jiġu kkalkolati minn din l-aħħar data sakemm isir il-ħlas sħiħ.
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea ibati l-ispejjeż kollha, inklużi dawk tar-rikorrenti.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 89 tar-Regolament Finanzjarju (<sup>1</sup>) billi tat għal darbejn suċċessivi l-kuntratt inkwistjoni lill-kumpannija ABELAG AVIATION, fil-kuntest ta' kuntratti qafas, mingħajr kompetizzjoni effettiva peress li l-kumpannija ABELAG AVIATION biss kienet tħalliet tippreżenta offerta fiż-żewġ każijiet.
- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 123(1) tar-regoli ddettaljati (<sup>2</sup>), billi tat lil ABELAG AVIATION il-kuntratt inkwistjoni mingħajr ma laqgħet numru suffiċċenti ta' kandidati sabiex tiżgura kompetizzjoni reali billi tipparraguna offerti differenti u tagħaż-żejt l-iktar waħda vantaġġuża.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom), Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jiippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

---

### **Rikors ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2012 — El Corte Inglés vs UASI — Sohawon (FREE YOUR STYLE.)**

**(Kawża T-282/12)**

(2012/C 258/46)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

### **Partijiet**

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela, J. Rivas Zurdo u I. Munilla Muñoz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Nadia Mariam Sohawon (Londra, Ir-Renju Unit)

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneral jogħġogħa:

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-17 ta' April 2012, fil-Każ R 1825/2010-4, li tiddik-jara li skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, l-appell quddiem l-UASI kellu jintlaqa' għass-servizzi segwenti li jaqgħu fil-klassi 35: servizzi ta' bejgħ bl-imnut, servizzi ta' bejgħ bl-ingrossa, servizzi ta' bejgħ bil-korrispondenza u servizzi elettroniċi ta' bejgħ bl-imnut kollha marbuta mal-ħwejjeġ, żrabu u kpiepel u li kellha tiġi annullata d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tawtorizza komplettament ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 7 396 468 "FREE YOUR STYLE" (mħallta);
- tikkundanna għall-ispejjeż il-parti jew partijiet li jopponu għal dan ir-rikorrenti.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Nadia Mariam Sohawon

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark figurattiva "FREE YOUR STYLE" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 25, 35 u 41 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7 396 468

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* trade mark verbali Komunitarja u Spanjola "FREE YOUR STYLE" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 18 u 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell parżjalment miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

### **Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2012 — Oro Clean Chemie vs UASI — Merz Pharma (PROSEPT)**

**(Kawża T-284/12)**

(2012/C 258/47)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Oro Clean Chemie AG (Fehrltorf, l-Isvizzera) (rappreżentant: F. Ekey, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)